MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2011

Numru 624/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**JOHN BONDIN**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha John Bondin, iben Anthony u Thereza nee' Pond, imwieled nhar it-23 ta' Marzu 1957, Pieta', u residenti 26, Triq Sant Anton, Valletta u detentur tal-karta ta' l-identita 249357M gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fix-xahar ta' Awissu 2009 u/jew xhur wara xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew b'kull mod indahal sabiex imexxihom jew ibieghhom;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok TM6 u nnutat li l-imputat John Bondin m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi ta' l-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.
Rat l-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat John Bondin, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi minn naha l-wahda l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-Proceduri u minn naha l-ohra l-fedina penali xejn felici tal-imputat u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat John Bondin ghall-piena ta' sena prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' sena prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat John Bondin jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat John Bondin l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------